MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 500/2013

**Favell Wines & Spirits Limited [C-37343]**

**Vs**

**Jesmond FALZON**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta'elf, sitta u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro [€1,036.31c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lill-konvenut fil-hanut 'Sweet Temptations'. Bl-ispejjes tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-21 ta' Lulju, 2013 u bl-imghax legali mit-28 ta' Mejju, 2013, data ta' l-ahhar invoice sal-effett pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikata bit-talba u bl-avviz tas-smiegh fit-30 ta’ Settembru, 2013 u li sas-seduta tal-lum baqa ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu.

Semgha’ x-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Anthony Cutajar, rapprezentant tas-socjeta rikorrent;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma komplessiva ta’ €1,036.31c rapprezentanti merkanzija debitament ikkonsenjata lill-istess intimat mis-socjeta.

Ikkunsidra;

2. Ix-xhud, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar, ddikjara li l-intimat ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’elf, sitta u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta’ euro [€1,036.31c] u li minkejja li l-intimat gie interpellat biex ihallas dan l-ammont huwa baqa ma ghamilx dan.

3. Ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kapitolu 380 u ra li la l-intimat u lanqas rapprezentant tieghu ma dehru ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tal-intimat u in vista tax-xhieda guramentata ta’ l-Avukat Dottor Anthony Cutajar it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammonti mitluba mis-socjeta rikorrenti huma dovuti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf, sitta u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta’ euro [€1,036.31c] bl-

imghaxijiet legali mid-data ta' meta dawn l-ammonti kienu dovuti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------